IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2018
COM(2018) 40 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (2013/396/UE)

MT MT

## RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

### dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (2013/396/UE)

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ilha tindirizza kwistjonijiet ta' rimedju kollettiv għal madwar 20 sena, inizjalment b'mod partikolari fil-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-politika tal-kompetizzjoni[1]. Abbażi ta' approċċ orizzontali usa', il-Kummissjoni fil-11 ta' Ġunju 2013 adottat Rakkomandazzjoni dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri rigward il-ksur tad-drittijiet taħt id-Dritt tal-Unjoni ("ir-Rakkomandazzjoni")[2]. Ir-Rakkomandazzjoni stabbilixxiet prinċipji li għandhom ikunu applikabbli fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet mogħtija taħt id-Dritt tal-Unjoni fi ħdan l-oqsma ta' politika kollha kif ukoll fir-rigward ta' rimedju inġuntiv kif ukoll ta' rimedju kumpensatorju. Dan isegwi mir-Rakkomandazzjoni li l-Istati Membri kollha għandu jkollhom sistemi ta' rimedju kollettiv fil-livell nazzjonali li jsegwu l-istess prinċipji bażiċi fi ħdan l-Unjoni kollha, filwaqt li jqisu t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri u jissalvagwardjaw kontra abbuż potenzjali. Fl-istess ħin, fid-dawl tar-riskji assoċjati mal-litigazzjoni kollettiva, il-prinċipji stipulati mir-Rakkomandazzjoni wkoll jimmiraw li joħolqu bilanċ xieraq bejn l-għan li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti għall-ġustizzja kif ukoll il-bżonn ta' prevenzjoni ta' abbużi permezz ta' salvagwardji xierqa.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tipproduċi valutazzjoni tal-implimentazzjoni prattika tar-Rakkomandazzjoni erba' snin wara l-pubblikazzjoni tagħha. Dan ir-rapport iwettaq din il-valutazzjoni u jiffoka fuq l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri mill-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, huwa jiskrutinizza jekk dawn l-iżviluppi wasslux għal applikazzjoni aktar mifruxa u koerenti tal-prinċipji individwali stipulati fir-Rakkomandazzjoni (Taqsima 2). Huwa u jagħmel dan, ir-rapport jeżamina wkoll l-esperjenza prattika miksuba bir-regoli dwar ir-rimedju kollettiv disponibbli fil-livell nazzjonali, jew, fin-nuqqas ta' tali regoli, kif jiġu indirizzati b'mod effettiv sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa. F'dan l-isfond, ir-rapport janalizza kemm l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni kkontribwixxiet għall-ksib tal-miri ewlenin tagħha ta' faċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja u l-prevenzjoni ta' litigazzjoni abbużiva. Fl-aħħar nett, ir-rapport jinkludi rimarki konklużivi dwar jekk hemmx bżonn ta' azzjoni ulterjuri fir-rigward tar-rimedju kollettiv fil-livell tal-Unjoni Ewropea (Taqsima 3). F'dan il-kuntest, ir-rapport iqis l-istrument vinkolanti ewlieni tal-Unjoni li jittratta r-rimedju kollettiv, id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet[3] li titlob li l-proċedura tal-inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi

---

[1] L-adozzjoni tad-Direttiva 98/27/KE dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi; Green Paper dwar l-azzjonijiet tal-antitrust (COM2005)672); White Paper dwar l-azzjonijiet tal-antitrust (COM(2008)165); Green Paper dwar ir-rimedju kollettiv tal-konsumatur (COM(2008)794)

[2] ĠU L 201, 26.7.2013, p. 60-65

[3] Id-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (Ġ.U.U.E. L 110/30 tal-1.5.2009 ) li tikkodifika d-Direttiva 98/27/KE

kollettivi tal-konsumaturi tkun disponibbli fl-Istati Membri kollha, kif ukoll il-Kontroll tal-Idoneità tal-Kummissjoni tal-liġi tal-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni[4] tal-UE tal-2017 li evalwa d-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet.

Il-valutazzjoni qed issir fi sfond li erba' snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, ir-riskji ta' ksur transfruntier jew saħansitra mal-UE kollha, li jaffettwa għadd ta' ċittadini jew negozji komplew żdiedu, partikolarment iżda mhux esklussivament b'riżultat ta' użu akbar tal-internet u x-xiri online. Il-każ tal-emissjonijiet tal-karozzi, fejn ħafna konsumaturi fl-UE kkienu affettwati mill-bejgħ ta' karozzi b'informazzjoni qarrieqa dwar il-livell ta' emissjonijiet, juri l-isfidi fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet transfruntiera ta' ħsara tal-massa. Dawn l-isfidi jidhru l-aktar minħabba l-inugwaljanzi u d-differenzi madwar l-UE kollha li jwasslu għal sitwazzjoni fejn f'ċerti Stati Membri, il-persuni jew l-entitajiet affettwati kienu kapaċi jressqu t-talbiet tagħhom quddiem il-qorti b'mod konġunt, filwaqt li fil-maġġoranza tal-Istati Membri dawn ma ngħatawx biżżejjed għajnuna jew saħansitra baqgħu bla tama ta' għajnuna.

Fl-Istati Membri jintużaw il-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv nazzjonali meta dawn ikunu disponibbli. Fl-Istati Membri fejn dawn ma jeżistux formalment jidher li hemm tendenza li qed tiżdied ta' rikorrenti li qed jippruvaw ifittxu rimedju kollettiv permezz tal-użu ta' veikoli legali differenti bħall-konsolidazzjoni tal-każijiet jew iċ-ċessjoni tat-talbiet. Dan jista' jqajjem kwistjonijiet rigward il-prevenzjoni effettiva tal-litigazzjoni abbużiva, minħabba li s-salvagwardji kontra l-abbuż li normalment ikunu preżenti fi proċedimenti kollettivi, eż. fir-rigward tal-locus standi jew il-ħlasijiet ta' kontinġenza, jistgħu ma japplikawx fir-rigward ta' tali metodi alternattivi.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq dawn is-sorsi ta' tagħrif:

- l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri abbażi ta' kwestjonarju tal-Kummissjoni;

- studju li jappoġġa l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni li tkopri l-Istati Membri kollha[5];

- sejħa għal evidenza li għaliha l-Kummissjoni rċeviet 61 tweġiba;

- studju li jappoġġa l-Kontroll tal-Idoneità tal-liġi tal-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni tal-UE[6]

## 2. IMPLIMENTAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAR-RAKKOMANDAZZJONI

L-attivitajiet leġiżlattivi affettwati mir-Rakkomandazzjoni baqgħu pjuttost limitati fl-Istati Membri. Seba' Stati Membri implimentaw riformi tal-liġijiet tagħhom dwar ir-rimedju kollettiv wara l-adozzjoni tiegħu, u kif jidher fil-valutazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport, dawn ir-riformi mhux dejjem segwew il-prinċipji tar-Rakkomandazzjoni. BE u LT introduċew rimedju kollettiv kumpensatorju fis-sistemi ġuridiċi tagħhom għall-ewwel darba. FR u r-Renju Unit bidlu l-liġijiet tagħhom b'mod sinifikanti biex itejbu jew jissostitwixxu ċerti mekkaniżmi li kienu disponibbli qabel iżda li ma kinux jitqiesu bħala effettivi biżżejjed. Ix-xogħol fuq il-leġiżlazzjoni l-ġdida

[4] COM rapport tal-Kontroll tal-Idoneità tal-liġi tal-konsumatur u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE, Brussell, 23.5.2017, SWD(2017) 209 final, disponibbli http://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item_id=59332

[5] Għall-pubblikazzjoni fuq http://ec.europa.eu/justice/civil/document/index_en.htm

[6] Disponibbli fuq http://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item_id=59332

qiegħed jimxi sew fi NL u SI, u hemm diskussjoni kbira dwar leġiżlazzjoni potenzjali fil-futur fil-DE. Ta' min jinnota li l-maġġoranza tal-proġetti li waslu għal leġiżlazzjoni ġdida jew li daqt se ssir huma limitati għal affarijiet dwar il-konsumatur. Barra minn hekk, uħud minnhom jippermettu l-użu tal-prinċipju tal-"esklużjoni fakultattiva"[7] b'mod konsiderevoli. Minħabba f'dan is-segwitu limitat għar-Rakkomandazzjoni, disa' Stati Membri bħalissa xorta waħda għad m'għandhom l-ebda mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv kumpensatorju implimentat.

### *2.1. Kwistjonijiet orizzontali*

#### 2.1.1 Disponibbiltà ta' rimedju kollettiv

| |
|---|
| Ir-Rakkomandazzjoni tisħaq li l-Istati Membri għandu jkollhom mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv fil-livell nazzjonali, kemm inġuntivi kif ukoll kumpensatorji, u li jkunu disponibbli fil-każijiet kollha fejn id-drittijiet mogħtija taħt id-dritt tal-Unjoni jkunu nkisru, jew kienu ġew miksura għad-detriment ta' aktar minn persuna waħda[8]. |

Ir-rimedju kollettiv fil-forma ta' rimedju inġuntiv jeżisti fl-Istati Membri kollha fir-rigward ta' każijiet tal-konsumatur li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet[9]. F'xi Stati Membri l-inġunzjonijiet kollettivi huma disponibbli orizzontalment (BG, DK, LT, NL, SE) jew f'oqsma speċifiċi oħra, l-aktar il-kompetizzjoni (HU, LU, ES), l-ambjent (FR, HU, PT, SI, ES), l-impjiegi (HU, ES) jew l-antidiskriminazzjoni (HR, FR, ES).

Ir-rimedju kollettiv kumpensatorju huwa disponibbli f'19-il Stat Membru (AT, BE, BG, DE, DK, FI, FR, EL, HU, IT, LT, MT, NL, PL, PT, RO, ES, SE, ir-Renju Unit) iżda f'madwar aktar minn nofshom huwa limitat għal setturi speċifiċi, l-aktar għat-talbiet tal-konsumatur[10]. Setturi oħra li fihom l-għajnuna kumpensatorja hija tipikament disponibbli huma l-kompetizzjoni, is-servizzi finanzjarji, ix-xogħol, l-ambjent jew l-anti-diskriminazzjoni. Id-differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni bejn l-Istati Membri li japplikaw approċċ settorjali huma sostanzjali: pereżempju fil-Belġju t-talbiet tal-konsumatur biss jistgħu jiġu trattati b'mod kollettiv filwaqt li fi Franza dan huwa possibbli fir-rigward ta' talbiet tal-konsumatur, tal-kompetizzjoni, tas-saħħa, tad-diskriminazzjoni u l-ambjent. 6 Stati Membri biss (BG, DK, LT, NL, PT u r-Renju Unit) adottaw approċċ orizzontali fil-leġiżlazzjoni tagħhom, li jippermetti proċedimenti ta' kumpens kollettiv fi ħdan l-oqsma kollha[11]. Fi tnejn minnhom (BG, ir-Renju Unit) jeżistu mekkaniżmi orizzontali b'mod parallel ma' proċeduri speċifiċi għas-settur, li fil-prattika jintużaw aktar. Fi Stat Membru wieħed (AT), minkejja n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna kumpensatorja, azzjonijiet

[7] Ara l-punt 2.3.1 ta' dan ir-Rapport

[8] Il-Paragrafu 2 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (2013/396/UE) (ĠU L 201 p.60 tas-26.7.2013).

[9] Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet ikopri l-ksur tal-liġijiet tal-konsumatur tal-UE kif elenkat fl-Anness I tagħha.

[10] Dan bl-eċċezzjoni ta' DE, fejn l-uniku mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv kumpensatorju speċifiku ma japplikax għall-konsumaturi, iżda għat-talbiet tal-investituri biss.

[11] Madanakollu, f'NL, l-għajnuna kumpensatorja kollettiva bħalissa hija disponibbli biss fil-forma ta' sentenzi dikjarattivi, jew permezz ta' veikoli legali speċjali kkreati bil-għan li jinġabru t-talbiet.

kollettivi jsiru abbażi taċ-ċessjoni tat-talbiet jew il-konsolidazzjoni tal-każijiet. Dawn il-veikoli legali huma disponibbli wkoll fi Stati Membri oħra, iżda r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika juru li fil-prattika jintużaw għall-każijiet kollettivi f'DE u NL biss. Wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida dwar ir-rimedju kumpensatorju kollettiv f'erba' Stati Membri: fi 2 minnhom (BE, LT) għall-ewwel darba, filwaqt li fi 2 oħra (FR, ir-Renju Unit) seħħew bidliet leġiżlattivi importanti. F'SI u NL ġew proposti abbozzi ta' liġi ġodda iżda dawn għadhom ma ġewx adottati. Ħlief f'BE fejn il-leġiżlazzjoni tikkonċerna biss id-drittijiet tal-konsumatur, dawn l-inizjattivi għandhom kamp ta' applikazzjoni wiesa'. Dawn is-sejbiet kollha juru li minkejja r-Rakkomandazzjoni, diversi Stati Membri għadhom ma introduċewx mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv fis-sistema nazzjonali tagħhom. B'riżultat ta' dan, għad hemm diverġenza kbira bejn l-Istati Membri f'termini tad-disponibbiltà u n-natura tal-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv.

Ir-risposti għas-sejħa għall-evidenza juru li r-rimedju kollettiv, fejn disponibbli, jintuża l-aktar fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u oqsma relatati bħad-drittijiet tal-passiġġieri jew is-servizzi finanzjarji. Qasam ieħor fejn ġew irrapportati diversi każijiet huwa d-dritt tal-kompetizzjoni, speċjalment meta vittmi allegati tal-kartell jitolbu kumpens wara d-deċiżjoni dwar ksur minn awtorità tal-kompetizzjoni (azzjonijiet ta' segwiment). L-assenza relattiva ta' rikors għar-rimedju kollettiv f'oqsma oħra tinħass mhux biss minħabba l-fatt li f'ħafna Stati Membri rimedju kumpensatorju jew fil-fatt rimedju inġuntiv huwa disponibbli biss għall-konsumaturi jew fid-dritt tal-kompetizzjoni; din tidher li hi marbuta wkoll ma' fatturi oħra bħall-kumplessità u t-tul tal-proċedimenti jew ir-regoli restrittivi dwar l-ammissibilità, li spiss ikunu relatati mal-locus standi. Fl-istess ħin, f'AT, CZ, DE, LU u IE ġew irrapportati għadd ta' sitwazzjonijiet, l-aktar fil-każijiet tal-konsumatur, fejn ma ttieħdet l-ebda azzjoni minħabba fin-nuqqas ta' skemi ta' għajnuna kumpensatorja taħt il-liġi nazzjonali.

### 2.1.2 Locus standi f'azzjoni rappreżentattiva

Ir-Rakkomandazzjoni ssejjaħ għad-deżinjazzjoni tal-entitajiet li għandhom locus standi biex iressqu azzjoni rappreżentattiva meta l-partijiet affettwati direttament minn ksur ikunu rrappreżentati minn organizzazzjoni li hi biss ikollha l-istatus ta' rikorrent fil-proċedimenti. Ir-Rakkomandazzjoni tistipula l-kriterji minimi speċifiċi għal tali deżinjazzjoni: in-natura mingħajr skop ta' qligħ tal-entità, relazzjoni diretta bejn l-objettivi u d-drittijiet miksura tagħha u kapaċità suffiċjenti biex tirrappreżenta lil rikorrenti multipli li jaġixxu fl-aħjar interess tagħha. Ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi l-possibbiltajiet ta' deżinjazzjoni ġenerali li tinvolvi dritt ġenerali ta' entità li taġixxi jew ta' ċertifikazzjoni ad hoc biss għal każ partikolari iżda tirreferi wkoll għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi barra minn dan jew bħala alternattiva għal dan[12].

Ir-regoli dwar il-locus standi għat-twettiq ta' azzjonijiet rappreżentattivi huma garanziji proċedurali li minnhom jibbenefikaw kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-konvenuti. L-istandards li jiżguraw l-għarfien espert tal-entitajiet rappreżentattivi u l-kapaċità tagħhom li jittrattaw każijiet

[12] Paragrafi 4 sa 7 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

kumplessi jiżguraw servizzi ta' kwalità għolja għar-rikorrenti, u jipproteġu wkoll lill-konvenuti minn azzjonijiet frivoli.

Ir-rimedju kollettiv fil-forma ta' azzjoni rappreżentattiva huwa preżenti fl-Istati Membri kollha u jiddomina fl-inġunzjonijiet ambjentali u tal-konsumatur, bid-disponibbiltà tiegħu fil-qasam tal-aħħar tkun mitluba taħt id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet[13]. Azzjonijiet kollettivi rappreżentattivi immirati lejn il-ksib tal-kumpens huma disponibbli wkoll f'BE, BG, DK, EL, FI, FR, LT IT, HU, PL, RO, ES, SE. F'2 Stati Membri (FI u PL) l-awtoritajiet pubbliċi biss huma intitolati jressqu azzjonijiet rappreżentattivi, filwaqt li f'xi oħrajn l-entitajiet nongovernattivi jaqsmu din il-kompetenza mal-awtoritajiet pubbliċi (HU, DK)[14].

L-Istati Membri kollha jipprevedu ċerti kundizzjonijiet fir-rigward tal-locus standi biex jaġixxu ta' entitajiet rappreżentattivi kemm f'azzjonijiet inġuntivi kollettivi kif ukoll f'dawk kumpensatorji. Għall-inġunzjonijiet tal-konsumatur, id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet tistipula li l-proċedura tal-inġunzjoni tista' tinbeda minn "entitajiet kwalifikati" li jkunu ġew kostitwiti b'mod xieraq f'konformità mal-liġi nazzjonali, u li jsegwu l-għan tal-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi. Id-Direttiva tħalli kriterji speċifiċi oħra li possibbilment għandhom jikkonformaw magħhom l-"entitajiet kwalifikati" għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. L-aktar rekwiżiti komuni applikati mill-Istati Membri, kemm fl-azzjoni kumpensatorja kif ukoll f'dik inġuntiva, jikkonċernaw in-natura mingħajr skop ta' qligħ tal-entità u r-rilevanza tas-suġġett tal-każ għall-miri tal-organizzazzjoni. F'konformità man-natura minima tal-kriterji fir-Rakkomandazzjoni, xi Stati Membri stabbilixxew kundizzjonijiet speċifiċi addizzjonali fir-rigward tal-għarfien espert, l-esperjenza u n-natura rappreżentattiva tal-entitajiet deżinjati. Pereżempju, f'IT l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur iridu juru 3 snin ta' attività kontinwa, numru minimu ta' membri li jħallsu u l-preżenza ta' 5 reġjuni differenti. F'FR japplikaw kundizzjonijiet simili fejn huma meħtieġa rappreżentanza fil-livell nazzjonali, sena ta' eżistenza, l-evidenza ta' attività fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll livell limitu ta' membri individwali[15]. Xi risposti sottomessi għas-sejħa għall-evidenza semmew ir-regoli nazzjonali dwar il-locus standi, b'mod partikolari f'FR u IT, iżda wkoll sa ċertu punt f'DK u RO, bħala problema li taffettwa l-aċċess għall-ġustizzja. Fir-Renju Unit, l-azzjoni kumpensatorja rappreżentattiva fi kwistjonijiet tal-konsumatur titwettaq fil-biċċa l-kbira mill-awtoritajiet pubbliċi, għalkemm huwa possibbli li jiġu ddeżinjati entitajiet oħrajn li għalihom huwa "ġust u raġjonevoli" li jaġixxu ta' rappreżentant tal-klassi; bħalissa, korp mhux pubbliku uniku ddiżinjat jista' jaġixxi f'każijiet relatati mal-konsumatur[16]. F'DK, assoċjazzjoni, istituzzjoni privata jew organizzazzjoni oħra tista' taġixxi ta' rappreżentant meta l-azzjoni tkun taqa' fi ħdan il-qafas tal-objettivi tal-organizzazzjoni.

---

[13] Id-Direttiva 2014/54/UE dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (Ġ.U. L 128 p.8 tat-30.4.2014) taħt l-Artikolu 3(2) titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet (inklużi sħab soċjali) jew entitajiet oħra jistgħu jirrappreżentaw lill-ħaddiema tal-Unjoni fi proċedimenti ġudizzjarji u/jew amministrattivi sabiex jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet.

[14] Barra minn hekk, f'DK f'azzjonijiet ta' gruppi privati, ir-rappreżentant jista' jiġi maħtur minn fost il-membri tal-klassi.

[15] Huwa interessanti kif minkejja dawn il-kundizzjonijiet ibsin bħalissa hemm 18-il organizzazzjoni rreġistrati fl-Italja u 15 fi Franza. Madanakollu, numru pjuttost limitat minn dawn l-entitajiet (6 f'FR, 3 f'IT matul l-aħħar 4 snin) fil-fatt ressqu azzjonijiet rappreżentattivi.

[16] Barra minn hekk, f'każijiet ta' kompetizzjoni fir-Renju Unit, membru ta' klassi jista' jirrappreżenta wkoll il-klassi li tagħmel din il-proċedura azzjoni ta' grupp aktar milli azzjoni rappreżentattiva fis-sens tar-Rakkomandazzjoni.

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li hemm konformità mal-prinċipju, għajr għal xi varjazzjonijiet fi Stati Membri differenti. Dawn il-varjazzjonijiet huma pjuttost sinifikanti minħabba li regoli aktar stretti għall-entitajiet rappreżentattivi jistgħu potenzjalment iwasslu għal limitazzjoni tad-dritt li wieħed ifittex rimedju kollettiv u b'hekk tal-aċċess għall-qrati.

### 2.1.3 Ammissibiltà

Ir-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ammissibilità tat-talbiet tiġi vverifikata fl-aktar stadju ta' litigazzjoni bikri possibbli u li l-każijiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għal azzjoni kollettiva u li jidher biċ-ċar li huma bla bażi ma jitkomplewx[17].

Il-prinċipju dwar iċ-ċaħda tat-talbiet li jidher biċ-ċar li huma bla bażi jew li ma jissodisfawx il-kriterji ta' ammissibilità għall-azzjoni kollettiva jservi l-effiċjenza tal-ġustizzja u ta' protezzjoni kontra litigazzjoni frivola. Ir-Rakkomandazzjoni, hi nnifisha ma tistabbilixxix kriterji ta' ammissibilità speċifiċi, u lanqas ma tiddefinixxi t-terminu "talba li biċ-ċar hija bla bażi". Madanakollu, f'ċerti Stati Membri, ir-regoli ġenerali tal-proċedura ċivili li jippermettu ċ-ċaħda bikrija ta' talbiet li biċ-ċar huma bla bażi huma applikabbli bl-istess mod f'azzjonijiet kollettivi. Ċerti kriterji ta' ammissibilità jistgħu jitnaqqsu wkoll minn prinċipji oħra tar-Rakkomandazzjoni, eż. dwar il-locus standi f'azzjonijiet rappreżentattivi. Fil-fatt, għar-rimedju ta' inġunzjoni, il-kriterju ta' ammissibilità ewlieni jidher li huwa l-locus standi tal-entità. Għall-każijiet tal-konsumatur, id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet ma teħtieġx verifika ta' ammissibilità speċifika jew kriterji speċifiċi għajr għal dawk għal-locus standi.

Il-kriterji aktar speċifiċi, li jridu jiġu ssodisfati u li tipikament jiġu eżaminati mill-qorti fi stadju bikri tal-proċedimenti, fil-biċċa l-kbira jiġu stipulati mill-Istati Membri għal rimedju kollettiv kumpensatorju. ES u SE biss ma għandhomx regoli speċifiċi dwar l-ammissibilità tar-rimedju kollettiv, u għalhekk japplikaw regoli ta' proċedura ċivili ġenerali. L-eżami tal-ammissibilità ta' azzjoni kollettiva f'ċerti Stati Membri jwassal għal deċiżjoni speċifika dwar din il-kwistjoni (BE, FR, PL, ir-Renju Unit) filwaqt li f'oħrajn deċiżjonijiet proċedurali jinħarġu biss jekk l-azzjoni tiġi miċħuda bħala inammissibbli. Ċerti Stati Membri jitolbu ġustifikazzjoni li l-azzjoni kollettiva tkun aktar effiċjenti mil-litigazzjoni individwali (BE, DK, FI, IT, LT)[18] filwaqt li oħrajn jeżaminaw il-kapaċità ta' entità rappreżentattiva li tipproteġi l-interess tal-persuni affettwati (FI, IT, NL, RO, ir-Renju Unit)[19]. In-natura omoġenja (komunalità) tat-talbiet individwali konġunti hija kundizzjoni li tapplika fl-Istati Membri kollha.

Ir-risposti għas-sejħa għall-evidenza juru wkoll ix-xaqliba l-oħra tar-rekwiżit tal-ammissibilità. Filwaqt li l-ebda wieħed mill-konvenuti ma kkritika l-introduzzjoni ta' dan ir-rekwiżit per se,

[17] Paragrafi 8 u 9 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[18] Pereżempju fil-Belġju, il-qorti trid tqis inter alia d-daqs potenzjali tal-grupp ta' konsumaturi affettwati, il-kobor tal-kumplessità tal-azzjoni tar-rimedju kollettiv, u l-implikazzjonijiet għal protezzjoni tal-konsumatur effiċjenti kif ukoll il-funzjonament tajjeb tal-ġustizzja.

[19] Pereżempju fl-Italja, minbarra l-kwistjoni tal-locus standi tal-entità, il-qorti trid teżamina jekk hemmx kunflitt ta' interess.

diversi risposti wissew kontra l-użu ta' dan il-prinċipju minħabba li jista' jagħmel il-proċedura kollha aktar twila u ineffiċjenti, u b'hekk b'mod ġenerali jillimita l-aċċess għal din il-proċedura. Dan ġie enfasizzat f'BE, NL, PL u r-Renju Unit[20].

B'mod ġenerali, l-Istati Membri jivverifikaw l-ammissibilità tat-talbiet. Huma għandhom mekkaniżmi ta' proċedura biex jagħmlu dan u li jiġu stabbiliti abbażi ta' regoli ġenerali u speċifiċi implimentati biex jiċħdu b'mod ċar it-talbiet ta' kumpens kollettiv bla bażi. Ta' min jinnota li l-leġiżlazzjoni riċenti dwar l-azzjoni kollettiva implimentata f'ċerti Stati Membri wara r-Rakkomandazzjoni tindirizza l-ammissibilità b'mod konsistenti mar-Rakkomandazzjoni (BE, LT, SI). Min-naħa l-oħra, id-diverġenzi eżistenti fil-kundizzjonijiet dwar l-ammissibilità xorta jistgħu jirriżultaw f'aċċess differenti fil-livell għall-ġustizzja f'azzjonijiet kollettivi kumpensatorji hekk kif regoli li b'mod ġenerali huma restrittivi żżejjed fuq l-ammissibilità jistgħu jillimitaw l-aċċess għal din il-proċedura. Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li minħabba li din hija fażi preliminari tal-azzjoni, id-deċiżjonijiet immedjati dwar l-ammissibilità huma importanti għaċ-ċertezza tad-dritt tal-partijiet kollha involuti.

### 2.1.4 Informazzjoni dwar rimedju kollettiv

Ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-parti rikorrenti tkun kapaċi xxerred l-informazzjoni dwar l-azzjoni kollettiva ppjanata u li tkun għadha għaddejja. Filwaqt li hi konxja li l-informazzjoni dwar l-azzjoni kollettiva jista' jkollha effetti sekondarji, b'mod partikolari fuq il-konvenut, anke qabel l-azzjoni titressaq quddiem il-qorti, ir-Rakkomandazzjoni tindika li l-arranġamenti għall-għoti ta' informazzjoni għandhom ikunu adegwati għaċ-ċirkostanzi tal-każ u jqisu d-drittijiet tal-partijiet inkluż il-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-informazzjoni u d-dritt għall-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-kumpanija[21].

Il-persuni li għandhom talbiet li jistgħu jiġu trattati f'azzjonijiet kollettivi għandhom ikunu jistgħu jirċievu informazzjoni li tippermettilhom jagħmlu għażla infurmata dwar il-parteċipazzjoni tagħhom. Kif tirrakkomanda r-Rakkomandazzjoni, dan huwa importanti b'mod partikolari fil-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inklużjoni fakultattiva sabiex jiġi żgurat li dawk li jistgħu jkunu interessati li jissieħbu ma jitilfux l-opportunità tagħhom minħabba nuqqas ta' informazzjoni. Fil-każ ta' azzjoni rappreżentattiva, l-għoti ta' informazzjoni ma għandux ikun biss id-dritt tal-entità rappreżentattiva iżda wkoll id-dmir tagħha[22]. Min-naħa l-oħra it-tixrid ta'

---

[20] Fi BE u NL ir-regoli dwar l-ammissibbiltà issemmew bħala problematiċi, filwaqt li t-tul ta' dik il-proċedura ssemmiet biċ-ċar għal BE u PL. Fid-Danimarka r-regoli dwar l-ammissibbiltà ġew imsemmija bħala problematiċi fil-kuntest ta' regoli restrittivi dwar il-locus standi. F'PL, ir-rekwiżit li l-ammonti jridu jkunu identiċi għallinqas f'diversi sotto gruppi jista' jfixkel lill-membri tal-grupp potenzjali milli jipparteċipaw fl-azzjoni jew iwassalhom biex inaqssu t-talbiet tagħhom biex ikunu eliġibbli. Bl-istess mod, fir-Renju Unit, l-interpretazzjoni stretta fil-każijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tar-rekwiżit li t-talbiet għandhom iqajmu l-istess kwistjonijiet tal-fatt jew tal-liġi, jew dawk simili jew relatati, bħala rekwiżit ta' ammissibilità, kienet meqjusa minn konvenut wieħed bħala problematika fil-kuntest tal-ksib tal-aċċess għall-ġustizzja.

[21] Paragrafi 10 sa 12 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[22] Kif spjegat fil-punt 3.5 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn Qafas Orizzontali Ewropew għal Rimedju Kollettiv" ( COM/2013/0401 final).

informazzjoni dwar azzjoni kollettiva (intiża) jista’ potenzjalment ikollu effett negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-konvenut li r-responsabbiltà tiegħu tkun għadha ma ġietx stabbilita. Dawn iż-żewġ interessi għandhom jiġu bbilanċjati kif xieraq. Għalkemm ir-Rakkomandazzjoni tindirizza b’mod ċar it-tixrid ta’ informazzjoni dwar l-intenzjoni li tiġi mressqa azzjoni kollettiva, m’hemm l-ebda Stat Membru li jirregola din il-kwistjoni fl-istadju preparatorju qabel ma titressaq azzjoni tal-qorti. Ladarba każ jiġi ddikjarat ammissibbli mill-qorti, b’mod partikolari meta jintalab kumpens, f’ħafna Stati Membri (BE, DK, EE, FI, FR, HU, LT, NL, PL SE), il-qrati jiġu fdati bid-determinazzjoni tal-modalitajiet tat-tixrid tal-informazzjoni, inklużi l-metodu ta’ pubblikazzjoni u l-perjodu li matulu l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli. L-Istati Membri normalment iħallu diskrezzjoni sostanzjali lill-qrati biex jagħmlu dan, u fil-liġijiet tagħhom isemmgħu ċ-ċirkostanzi tal-każ li għandu jitqies iżda mingħajr ma jsemmgħu l-fatturi speċifiċi stipulati fir-Rakkomandazzjoni. Madanakollu, 5 Stati Membri (BG, IT MT, PT, ir-Renju Unit) ma jirregolawx l-għoti ta’ informazzjoni f’azzjonijiet ta’ ħsarat kollettivi. Saħansitra hemm anqas regolazzjoni fl-għoti ta’ informazzjoni fir-rigward ta’ azzjoni inġuntiva meta mqabbla ma' azzjoni kumpensatorja.

Is-sejħa għall-evidenza ma żvelatx problemi sinifikanti fl-għoti ta’ informazzjoni. Ġiet irrappurtata sitwazzjoni waħda biss minn IT, fejn intqal li r-rekwiżit tar-reklamar tal-każ fil-midja tal-istampa ħoloq piż finanzjarju sinifikanti għar-rikorrent. Barra minn hekk, risposta waħda semmiet ukoll li n-nuqqas ta’ possibbiltà f’PL li tiġi reklamata azzjoni ta’ rimedju kollettiv fuq l-internet hija problematika.
B’mod ġenerali, għandu jiġi konkluż li l-prinċipju rigward l-għoti ta’ informazzjoni dwar l-azzjoni kollettiva mhuwiex rifless kif xieraq fil-liġijiet tal-Istati Membri, b’mod partikolari fl-istadju ta’ qabel il-litigazzjoni u għall-inġunzjonijiet.

### 2.1.5 Min jitlef iħallas

Il-parti li titlef l-azzjoni ta’ rimedju kollettiv għandha tirrimborża l-ispejjeż legali neċessarji lill-parti rebbieħa, dejjem skont il-kundizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli[23].

Il-prinċipju ta’ “min jitlef iħallas” jikkostitwixxi wieħed mill-garanziji proċedurali bażiċi għaż-żewġ partijiet tal-azzjonijiet kollettivi. Min-naħa, ir-riskju tar-rimborż tal-ispejjeż mill-konvenut jekk it-talba tiġi miċħuda jiskoraġġixxi lil rikorrenti potenzjali milli jressqu azzjonijiet frivoli. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-konvenut li jitlef ikollu jħallas l-ispejjeż neċessarji, jinkoraġġixxi t-tressiq ta’ azzjonijiet kollettivi ġġustifikati. Ir-Rakkomandazzjoni tagħti l-flessibbiltà lill-Istati Membri biex dawn japplikaw regoli nazzjonali fuq ir-rimborż tal-ispejjeż.
L-Istati Membri kollha li għandhom mekkaniżmi ta’ rimedju kollettivi, bl-eċċezzjoni ta’ LU[24], isegwu l-prinċipju ta’ “min jitlef iħallas” fil-liġijiet proċedurali tagħhom. Il-maġġoranza assoluta

.
[23] Paragrafu 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni
[24] F’LU il-parti rebbieħa tista’ tingħata indennizz proċedurali li l-ammont tiegħu jiġi deċiż minn imħallef, iżda dan jeħtieġ applikazzjoni sussegwenti tal-qorti, u għalhekk sforz addizzjonali.

tal-Istati Membri japplikaw preċiżament l-istess regoli għall-azzjonijiet kollettivi li japplikaw għall-proċedimenti ċivili individwali; fejn jeżistu modalitajiet applikabbli għar-rimedju kollettiv, dawn jikkonċernaw l-aktar l-eżenzjoni mit-tariffi tal-qorti għal entitajiet rappreżentattivi u awtoritajiet pubbliċi f'każijiet tal-konsumatur (HR, HU, MT, PL, RO)[25]. Stat Membru wieħed (PT) jipprovdi għar-rimborż ta 50 % biss mill-ispejjeż tal-konvenut fil-każ ta' ċaħda tat-talba kemm f'azzjonijiet ta' grupp kif ukoll f'azzjonijiet rappreżentattivi, u b'hekk jillimita r-riskju għal dawk li jressqu azzjonijiet kollettivi.

Jista' jiġi konkluż li b'mod ġenerali l-Istati Membri jsegwu l-prinċipju stipulat fir-Rakkomandazzjoni[26]. Madankollu, wieħed irid jiftakar li r-regoli rigward l-ispejjeż tal-proċedura ċivili u l-mod li bih dawn jiġu rimborżati (kif ukoll l-ammonti ta' dawn l-ispejjeż), ivarjaw b'mod sostanzjali bejn Stat Membru u ieħor. L-applikazzjoni tagħhom tista' twassal għal diverġenzi sostanzjali fir-rimborż attwali tal-ispejjeż tal-parti rebbieħa fi proċedimenti simili ħafna, jiddependi mill-*forum*, eż. b'riżultat tad-definizzjoni tal-ispejjeż rimborsabbli[27]. Għalhekk, il-mira li tiġi impeduta l-litigazzjoni abbużiva permezz tal-prinċipju ta' "min jitlef iħallas", fil-verità, ma tintlaħaqx fl-Istati Membri kollha.

### 2.1.6 Finanzjament ta' azzjonijiet kollettivi

Ir-Rakkomandazzjoni tipproponi regola ta' divulgazzjoni ġenerali li skontha l-parti rikorrenti tkun mitluba tiddikjara l-oriġini tal-fondi użati bħala appoġġ tal-azzjoni legali. Barra minn hekk, il-qorti għandha tkun fil-pożizzjoni li tissospendi l-proċedimenti meta jkun hemm kunflitt ta' interess bejn il-parti terza li tipprovdi l-finanzi u r-rikorrent, meta l-parti terza ma jkollhiex riżorsi biżżejjed biex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha jew meta r-rikorrent ma jkollux riżorsi biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż negattivi fil-każ tal-falliment tal-azzjoni. Filwaqt li r-Rakkomandazzjoni ma tħeġġiġx il-projbizzjoni tal-finanzjament privat tal-parti terza per se, din għandha tiġi pprojbita milli tfittex li tinfluwenza deċiżjonijiet proċedurali, li tipprovdi finanzjament għall-azzjoni kontra kompetitur jew affiljat u li titlob rati ta' interess eċċessivi. Fl-aħħar nett, b'mod speċjali għall-każijiet ta' rimedju kollettiv kumpensatorju, għandha tkun ipprojbita milli tagħmel ir-remunerazzjoni mogħtija lil jew l-imgħax mitlub mill-fornitur tal-fond

[25] Jew l-assenza ta' tariffi fi proċedimenti ta' inġunzjoni tal-konsumatur quddiem l-awtoritajiet amministrattivi (FI, LV). Id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet ma tirregolax il-kwistjoni dwar l-ispejjeż relatati mal-proċedura ta' inġunzjoni. Minkejja dan, ir-riskju finanzjarju relatat mal-inġunzjonijiet ġie identifikat bħala l-aktar ostakolu kruċjali għall-użu effettiv tal-inġunzjonijiet għal entitajiet kwalifikati. Skont l-istudju li jappoġġa l-kontroll tal-idoneità, l-aktar miżura effettiva tkun li tiġi inkluża regola fid-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet li skontha, f'każijiet iġġustifikati b'mod oġġettiv, l-entitajiet kwalifikati ma jkollhomx iħallsu t-tariffi tal-qorti jew dawk amministrattivi.

[26] Diversi konvenuti għas-sejħa għall-evidenza minn BE, NL, RO u FI identifikaw dan il-prinċipju bħala problema potenzjali, minħabba li r-rimborż potenzjali tal-ispejjeż huwa fattur ta' riskju importanti li għandu jitqies meta tiġi introdotta talba. Dan japplika aktar fejn l-ebda rimedju kollettiv kumpensatorju ma jkun disponibbli, bħal f'CZ, u tali talbiet jistgħu jiġu ppreżentati biss f'każijiet individwali.

[27] Pereżempju, jekk it-tariffi tal-avukati jiġu rimborżati fil-livell ta' tariffi statutorji li fil-prattika jistgħu jinqabżu.

dipendenti fuq l-ammonti rkuprati, sakemm tali arranġament ma jkunx regolat minn awtorità pubblika[28].

Ir-regoli fir-Rakkomandazzjoni fir-rigward tal-finanzjament ta' parti terza jiżguraw li t-termini tal-finanzjament ma joħolqux inċentiv għal litigazzjoni abbużiva jew kunflitti ta' interess.
Dwar dan il-punt, ir-Rakkomandazzjoni ma ġiet implimentata fl-ebda Stat Membru. L-ebda wieħed minnhom ma għandu finanzjament ta' parti terza rregolat, aħseb u ara kemm dan hu f'konformità mar-Rakkomandazzjoni. EL u IE b'mod ġenerali jipprojbixxu l-finanzjament ta' parti terza. Madankollu, il-leġiżlazzjoni pendenti l-ġdida f'SI hija l-eċċezzjoni għal din is-sitwazzjoni ġenerali, għaliex skont din il-leġiżlazzjoni, il-finanzjament privat ta' parti terza huwa regolat f'konformità mal-prinċipji stipulati fir-Rakkomandazzjoni.

Dan in-nuqqas ġenerali ta' implimentazzjoni jfisser li l-finanzjament bla kontroll u bla regolazzjoni ta' parti terza jista' jinfirex mingħajr limiti legali, u b'hekk joħloq inċentivi potenzjali għal-litigazzjoni f'ċerti Stati Membri. Hemm evidenza li mill-anqas fi tliet Stati Membri, jiġifieri AT, NL u r-Renju Unit, il-finanzjament ta' partijiet terzi huwa disponibbli u fi tnejn (AT u NL) jintuża fil-prattika mingħajr l-ebda regolazzjoni (fir-Renju Unit, japplikaw limitazzjonijiet ġenerali fuq il-liġi komuni[2429] u ġiet introdotta forma ta' awtoregolamentazzjoni mill-industrija).
L-evidenza miġbura fil-qafas tal-konsultazzjoni pubblika tikkonferma l-eżistenza ta' finanzjament ta' parti terza: Tressqu żewġ każijiet mill-allegati vittmi tal-kartell fejn intuża finanzjament minn partijiet terzi rappurtati fir-Renju Unit, filwaqt li każ ieħor ġie rrapurtat fi NL u wieħed fid-DE. Madankollu, fil-każ tal-aħħar l-użu ta' finanzjament minn terzi ġie marbut mal-ispejjeż eċċessivi tal-proċedimenti ta' rimedju kollettivi (fiż-żewġ każijiet it-talbiet ġew assenjati metodu speċjali). Barra minn hekk, f'DE ġiet irrappurtata sitwazzjoni ta' dannu tal-massa allegata, fejn f'każijiet pendenti bejn il-konsumaturi u l-partijiet ikkonċernati fuq naħa u kumpanija awtomobilistika maġġuri fuq l-oħra, ġie pprovdut finanzjament konsiderevoli ta' parti terza.

Il-professjonisti intervistati u involuti f'azzjonijiet kollettivi rrappurtaw xi sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess (għallinqas) potenzjali: eż. l-użu ta' danni mhux distribwiti għall-ħlas lura lill-fornitur tal-fond, l-organizzazzjoni tal-azzjoni kollha mill-fornitur tal-fond, ir-relazzjonijiet istituzzjonali bejn id-ditta legali li tirrappreżenta lir-rikorrenti u lill-fornitur tal-fond.

Dawn l-eżempji juru li l-finanzjament privat ta' parti terza qiegħed jintuża dejjem aktar f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, jidher biċ-ċar li dan l-aspett ewlieni tar-rimedju kollettiv huwa dimensjoni transfruntiera importanti minħabba li l-fondi biex jingħata bidu għal-litigazzjoni jistgħu jiġu pprovduti faċilment minn naħa għal oħra tal-fruntieri. Dan ifisser li filwaqt li r-regolazzjoni tal-finanzjament ta' parti terza f'diversi Stati Membri ċertament ikun pass fid-direzzjoni t-tajba f'konformità mar-Rakkomandazzjoni, dejjem se jkun hemm possibbiltà għall-fornituri tal-fond ibbażati fi Stat Membru wieħed li jevitaw regoli nazzjonali stretti billi jfittxu li

[28] Paragrafi 14 sa 16 u 32 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni
[29] Taħt il-liġi komuni, kull minn jiffinanzja l-litigazzjoni ta' ħaddieħor b'mod mhux xieraq, jista' jkollu jġarrab l-ispejjeż (negattivi) kollha ta' dik il-litigazzjoni jekk il-każ jintilef.

jiffinanzjaw azzjonijiet kollettivi fi Stat Membru tal-UE ieħor, fejn il-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv huma disponibbli u fejn il-finanzjament ta' parti terza jibqa' mhux regolat.
Jista' jiġi konkluż li dan huwa wieħed mill-punti fejn ir-Rakkomandazzjoni ma kellha l-ebda impatt fil-liġijiet tal-Istati Membri u fejn ikun importanti li jiġi analizzat kif l-objettivi ta' dan il-prinċipju jinkisbu bl-aħjar mod fil-prattika.

### 2.1.7 Każijiet transfruntieri

Ir-Rakkomandazzjoni titlob lill-Istati Membri biex ma jimpedixxux, permezz ta' regoli nazzjonali dwar l-ammissibilità jew locus standi, il-parteċipazzjoni ta' gruppi barranin ta' rikorrenti jew entitajiet rappreżentattivi barranin f'azzjoni kollettiva unika quddiem il-qrati tagħhom. L-entitajiet rappreżentattivi deżinjati għandhom ikunu kapaċi jinvokaw lill-qrati b'ġurisdizzjoni dwar it-talbiet tagħhom anke fi Stati Membri oħra[30].

L-attivitajiet ekonomiċi spiss jinfirxu minn naħa għal oħra tal-fruntieri u jistgħu jwasslu għal dannu fuq persuni minn diversi Stati Membri li jirriżultaw mill-istess attivitajiet jew oħrajn simili. Tali persuni ma għandhomx jiġu miċħuda mill-vantaġġ li jissieħbu biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom. Entità ddeżinjata fi Stat Membru wieħed għandha tkun kapaċi tressaq azzjoni fi kwalunkwe Stat Membru ieħor li għandu ġurisdizzjoni biex jirregola t-talba. Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni tafferma mill-ġdid il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fil-kuntest tal-proċedimenti ċivili u tirrakkomanda r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tal-entitajiet deżinjati.

Ma hemmx Stati Membri li għandhom ostakoli ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' xi persuna fiżika jew ġuridika minn Stati Membri oħra f'azzjonijiet ta' grupp quddiem il-qrati tagħhom. Il-parteċipazzjoni fi grupp tar-rikorrenti mhix ristretta għal dawk residenti jew stabbiliti fl-Istat Membri fejn titwettaq l-azzjoni kollettiva.

Is-sejħa għall-provi żvelat li l-każ tal-emissjonijiet tal-karozzi, fejn ħafna konsumaturi fl-UE kienu affettwati mill-bejgħ ta' karozzi b'informazzjoni qarrieqa dwar il-livell ta' emissjonijiet, xprunat l-introduzzjoni ta' proċedimenti ta' rimedju kollettiv f'erba' Stati Membri differenti. Dawn il-każijiet pendenti jistgħu jwasslu għal riżultati differenti, skont l-Istat Membru li fihom jiġhataw is-sentenzi. Din is-sitwazzjoni tista' tħajjar għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni, meta f'każ ta' natura transfruntiera ċara, ir-rikorrenti potenzjali jindirizzaw it-talba tagħhom fejn il-possibbiltà għas-suċċess tkun tidher akbar. Barra minn hekk, ġew identifikati riskji oħra, bħar-riskju tal-kumpens doppju, jew fil-fatt, tad-deċiżjonijiet kunfliġġenti[31].

Fir-rigward tar-rikonoxximent tal-entitajiet rappreżentattivi ddeżinjati fi Stati Membri oħra, is-sitwazzjoni hija aktar diverġenti. Ma hemm l-ebda Stat Membru li jipprovdi espressament għar-rikonoxximent ġenerali tal-entitajiet rappreżentattivi deżinjati minn Stati Membri oħra. L-unika eċċezzjoni tikkonċerna d-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet li titlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-

[30] Paragrafi 17 u 18 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[31] Fl-aħħar nett, żewġ konvenuti minn AT esprimew tħassib li r-regola protettiva dwar il-ġurisdizzjoni tal-konsumatur tar-Regolament Brussell I (ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1) ma tapplikax għall-entitajiet rappreżentattivi.

entitajiet kwalifikati jistgħu japplikaw għall-inġunzjonijiet għall-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi fi Stati Membri oħra fejn l-interessi protetti minn dik l-entità kwalifikata huma affettwati minn ksur li joriġina f'dak l-Istat Membru[32]. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-entitajiet rappreżentattivi jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-locus standi, li jistgħu jkunu impossibbli għal entitajiet deżinjati barranin, bħar-rikonoxximent minn awtortià pubblika nazzjonali speċifika (eż. BE) jew il-preżenza u l-attività fuq it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat (eż. FR, BG). Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni rigward ir-rikonoxximent mhix segwita mill-Istati Membri fir-rigward tal-azzjoni kollettiva kumpensatorja u l-azzjoni kollettiva ta' inġunzjoni lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet.

## *2.2 Inġunzjonijiet*

### 2.2.1 Espedjenza tal-proċedimenti ta' inġunzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni hija favur li t-talbiet għal ordnijiet ta' inġunzjoni jiġu trattati b'mod espedjenti, jekk xieraq permezz ta' proċedimenti ta' sommarju, sabiex jiġi impedit kwalunkwe dannu ulterjuri[33].

L-Istati Membri kollha fil-liġijiet proċedurali tagħhom jipprevedu l-possibbiltà ta' talba għal ordni li ġġiegħel lil konvenut iżomm ruħu milli jwettaq prattiki illegali. Il-possibbiltà ta' talba ta' inġunzjoni permezz ta' azzjoni kollettiva teżisti fl-Istati Membri kollha fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet, jiġifieri għall-ksur tal-liġi tal-UE dwar il-konsumatur kif elenkat fl-Anness I tad-Direttiva, kif traspost fl-ordnijiet legali nazzjonali, li jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumatur. Xi Stati Membri jipprevedu inġunzjonijiet kollettivi f'oqsma speċifikati oħra[34].

Fir-rigward tat-tul tal-proċedura ta' inġunzjoni, taħt id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet azzjonijiet ta' inġunzjoni kollettivi fil-qasam tal-konsumatur iridu jiġu proċessati "*bil-ħeffa kollha meħtieġa, fejn xieraq permezz ta' proċedura sommarja*"[35]. Irrispettivament mill-qasam tal-liġi inkwistjoni, l-Istati Membri kollha jipprevedu possibbiltà għall-applikazzjoni ta' miżuri proviżorji taħt ir-regoli proċedurali ċivili ġenerali tagħhom. Tali applikazzjonijiet fir-realtà jiġu trattati pjuttost malajr minħabba li l-għan proprju tagħhom huwa li jimpedixxu l-okkorrenza ta' aktar dannu potenzjalment irriversibbli sakemm tinħareġ deċiżjoni dwar il-merti. Fil-każijiet tal-konsumaturi il-Kontroll tal-Idoneità jiżvela li hemm ħtieġa ċara biex l-inġunzjonijiet isiru aktar effettivi u t-tul tal-proċedura ġie rrapportat bħala problema. Madankollu, l-effettività prattika ta' din l-għodda tista' tiġi kompromessa meta l-proċeduri ta' inġunzjoni kollettivi ma jkunux disponibbli.

[32] Ara l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet li tistabbilixxi sistema għan-notifika ta' entitajiet kwalifikati li għandhom jiġu inklużi f'lista ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, skont ir-rapport dwar il-Kontroll tal-Idoneità entitajiet kwalifikati kważi qatt ma jfittxu inġunzjonijiet fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari minħabba l-ispejjeż relatati u minħabba li f'ħafna każijiet jistgħu jfittxu inġunzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom anke għall-ksur b'implikazzjonijiet transfruntieri.

[33] Paragrafu 19 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[34] Ara l-punt 2.1.1 ta' dan ir-Rapport

[35] Artikolu 2(1)(a).

### 2.2.2 Infurzar effettiv tal-inġunzjonijiet

Ir-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw l-infurzar effettiv tal-ordnijiet ta' inġunzjoni permezz ta' sanzjonijiet xierqa, inkluż multa għal kull jum ta' nuqqas ta' konformità[36].

L-infurzar tal-inġunzjonijiet ġeneralment jitwettaq permezz tal-istess miżuri irrispettivament minn jekk l-ordni ta' inġunzjoni ngħatatx fi proċedimenti individwali jew kollettivi.

Id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet titlob miżuri ta' infurzar speċifiċi għan-nuqqas ta' konformità mal-ordni għal inġunzjonijiet fi kwistjonijiet tal-konsumatur fil-forma ta' pagamenti ta' ammont fiss għall kull jum ta' nuqqas ta' konformità jew kwalunkwe ammont ieħor lill-kont pubbliku jew benefiċjarji oħra, iżda "*safejn tippermetti s-sistema legali tal-Istat Membru konċernat*" biss[37]. L-Istati Membri kollha għandhom implimentati penali bħal dawn għan-nuqqas ta' konformità, inklużi dawk fejn l-awtoritajiet nonġudizzjarji huma kompetenti għall-inġunzjonijiet. Madanakollu, skont l-Istudju li jappoġġa l-Kontroll tal-Idoneità, f'ċerti każi huwa dubjuż jekk il-penali humiex fil-verità ta' deterrent biżżejjed biex jiskoraġġixxu l-ksur kontinwat[38].

Bħala metodu ta' infurzar kumplimentari, id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet toħloq possibbiltà li tiġi ordnata l-pubblikazzjoni ta' ordnijiet ta' inġunzjonijiet u dikjarazzjonijiet korrettivi, għalkemm dan isir "*fejn xieraq*" biss. Tali miżuri jistgħu jkunu rimedju effettiv ħafna biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-ksur u bħala deterrent għall-kummerċjanti li jibżgħu li jtebbgħu r-reputazzjoni tagħhom. L-informazzjoni tal-pubbliku ġenerali ġiet ikkumplimentata f'ċerti Stati Membri minn informazzjoni aktar speċifika ta' konsumaturi affettwaqti sabiex dawn ikunu jistgħu iqisu azzjoni ta' segwiment għad-danni.
Lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet, il-multi huma disponibbli fl-Istati Membri kollha biex iqanqlu lill-konvenut tellief sabiex jimplimenta ordni ta' inġunzjonijiet malajr[39]. Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri (CY, IE, LT, MT, ir-Renju Unit) id-disubbidjenza ta' sentenza tal-Qorti hija reat kriminali.

## *2.3 Kumpens*

### 2.3.1 Inklużjoni fakultattiva

Ir-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex fl-iskemi ta' rimedju kollettiv nazzjonali

[36] Paragrafu 20 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni
[37] Artikolu 2(1)(c).
[38] Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri dawn is-sanzjonijiet mhumiex iddeterminati fl-ordni għal inġunzjoni u jeħtieġu azzjoni legali addizzjonali. Fl-isfond tal-Kontroll tal-Idoneità l-istudju jirrakkomanda regoli legali ċari fil-livell tal-UE dwar sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità mal-ordni għall-inġunzjonijiet
[39] Għajr għal konvenut wieħed mir-RO li saħaq li l-multa imposta mill-Awtorità Nazzjonali għall-Konsumatur għan-nuqqas ta' konformità ma' sentenza hija baxxa ferm u m'għandhiex effett ta' deterrent, ma ġiet irrappurtata l-ebda problema speċjali rigward dan il-prinċipju fis-sejħa għall-evidenza.

taghhom jintroduċu l-prinċipju tal-inklużjoni fakultattiva, sabiex il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jissieħbu fl-azzjoni jagħmlu dan abbażi tal-kunsens espliċitu tagħhom biss. Huma għandhom ikunu jistgħu jissieħbu jew jirtiraw mill-azzjoni sakemm tingħata s-sentenza jew il-każ jiġi riżolt. L-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju huma ammissibbli iżda għandhom jiġu ġġustifikati minħabba raġunijiet ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja xierqa[40].

L-isfond għall-adozzjoni ta' dan il-prinċipju huwa l-bżonn li tiġi evitata litigazzjoni abbużiva, fejn il-partijiet jiġu involuti f'litigazzjoni mingħajr il-kunsens ċar tagħhom. L-isfond għall-adozzjoni ta' dan il-prinċipju hija l-ħtieġa li tiġi evitata l-litigazzjoni abbużiva, fejn il-partijiet jiġu involuti f'litigazzjoni mingħajr ma juru l-kunsens tagħhom L-applikazzjoni tal-prinċipju oppost, dak imsejjaħ "esklużjoni fakultattiva" fejn il-partijiet li jappartjenu għal ċertu klassi/grupp jipparteċipaw fis-soluzzjoni alternattiva/għal-litigazzjoni sakemm ma jirtirawx b'mod espress, jista' jitqies bħala problematiku f'ċerti ċirkostanzi, b'mod partikolari f'każijiet transfruntieri. Dan huwa relatat mal-fatt li l-partijiet residenti f'pajjiżi oħra jistgħu ma jkunux jafu dwar il-litigazzjoni li għadha għaddejja u b'hekk isibu lilhom infushom f'sitwazzjoni fejn huma jipparteċipaw f'każ pendenti mingħajr l-għarfien tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' "esklużjoni fakultattiva" jista' jitqies bħala approċċ aktar effettiv u jista' jiġi ġġustifikat meta l-protezzjoni tal-interessi kollettivi tkun tidher neċessarja iżda l-kunsens espliċitu tal-persuni affettwati jkun diffiċli li jinkiseb, eż. f'każijiet tal-konsumatur domestiċi b'danni individwali baxxi li ma jinċentivawx l-eżerċizzju ta "esklużjoni fakultattiva", iżda li jkollhom danni akkumulati għoljin[41].

Fl-Istati Membri fejn hemm mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv kumpensatorji disponibbli, teżisti applikazzjoni differenti għal dan il-prinċipju. Hemm 13-il Stat Membru (AT, FI, FR, DE, EL, HU, IT, LT, MT, PL, RO, ES, SE) li japplikaw b'mod esklużiv il-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva" fl-iskemi ta' rimedju kollettiv nazzjonali. Hemm 4 Stati Membri (BE, BG, DK, ir-Renju Unit) li japplikaw kemm il-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva" kif ukoll dak ta' "esklużjoni fakultattiva", dejjem skont it-tip ta' azzjoni jew id-dettalji preċiżi tal-każ, filwaqt li 2 Stati Membri (NL u PT) japplikaw il-prinċipju ta' "esklużjoni fakultattiva" biss.

Fost l-Istati Membri li adottaw jew emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, LT u FR introduċew sistemi ta' "inklużjoni fakultattiva", filwaqt li BE u r-Renju Unit, fl-iskemi li għadhom kemm introduċew (eż. każijiet ta' kompetizzjoni fir-Renju Unit) għandhom sistema ibrida ta' "inklużjoni fakultattiva" jew ta' "esklużjoni fakultattiva", li tħalliet għad-diskrezzjoni tal-qorti.

---

[40] Paragrafi 21 sa 24 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[41] Tliet risposti għas-sejħa għall-evidenza esprimew appoġġ għal sistema ta' "inklużjoni fakultattiva", pereżempju f'sitwazzjonijiet speċifiċi **fejn huwa diffiċli li jiġu identifikati l-persuni affettwati bħal meta l-ksur allegat tad-drittijiet tal-bniedem isir** f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u tista' tittieħed azzjoni kontra l-konvenuti b'siġġu fi Stat Membru. Madankollu, intimat mir-Renju Unit kellu dubji dwar l-effettività tas-sistema ta' "inklużjoni fakultattiva", għaliex l-esperjenza turi li tinvolvi spejjeż għoljin u piż amministrattiv sabiex jiġu identifikati l-individwi li jaqgħu taħt ċerta klassi. Fl-aħħarnett, intimat minn NL esprima l-appoġġ tiegħu għal sistema li tagħmel differenza bejn 'inklużjoni fakultattiva" għal kawża kollettiva l-qorti u "esklużjoni fakultattiva" għal soluzzjoni kollettiva, filwaqt li intimat minn BE iffavorizza speċifikatament is-sistema ta' "inklużjoni fakultattiva".

F'BE l-applikazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn dawn il-prinċipji tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ każ bil-għan li jiġi identifikat kif l-aħjar jiġu protetti l-interessi tal-konsumaturi. Madankollu, meta r-rikorrenti jkunu barranin, is-sistema Belġjana tippreskrivi l-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva". L-istess xejra tidher ukoll fis-sistema l-ġdida tar-Renju Unit f'każijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni fejn l-ordni ta' "esklużjoni fakultattiva" li tkun għamlet il-qorti tipprekludi biss aktar litigazzjoni għal rikorrenti residenti fir-Renju Unit.

Il-proposta leġiżlattiva l-ġdida pendenti f'NL tkompli l-istatus-quo u tapplika l-prinċipju ta' "esklużjoni fakultattiva". Il-proposta f'SI tintroduċi l-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva", bl-"esklużjoni fakultattiva" tkun disponibbli bħala eċċezzjoni meta għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba din tkun iġġustifikata (eż. il-valur baxx tat-talbiet individwali).

Jista' jiġi konkluż li filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri japplikaw il-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva" fit-tipi kollha ta' azzjonijiet ta' rimedju kollettiv jew f'tipi speċifiċi, ir-Rakkomandazzjoni kellha effett limitat fuq il-liġijiet tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-leġiżlazzjoni f'BE u r-Renju Unit turi li anke fejn jiġi applikat il-prinċipju ta' "esklużjoni fakultattiva", jidher li hemm perċezzjoni ta' ħtieġa biex issir distinzjoni bejn każijiet purament domestiċi u oħrajn transfruntieri u li tiżdied id-dipendenza fuq il-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva" f'kuntesti transfruntieri.

### 2.3.2 Soluzzjoni ekstraġuddizjarja għat-tilwim kollettiva

Ir-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu lill-partijiet biex isolvu t-tilwim tagħhom b'kunsens jew barra mill-qorti, qabel jew matul il-litigazzjoni u biex jagħmlu l-mekkaniżmi ekstraġudizzjarji għas-soluzzjoni tat-tilwim kollettivi disponibbli flimkien mar-rimedju kollettiv ġudizzjarju jew bħala element volontarju tiegħu. Il-perjodi ta' limitazzjoni applikabbli għat-talbiet għandhom jiġu sospiżi matul il-proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. L-eżitu vinkolanti ta' soluzzjoni kollettiva għandu jiġi kkontrollat minn qorti[42].

L-iskemi ta' soluzzjoni ekstraġudizzjarja għat-tilwim kollettiva għandhom iqisu r-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali[43] iżda għandhom ikunu mfassla wkoll b'mod speċifiku għal azzjonijiet kollettivi[44].

L-introduzzjoni ta' tali skemi fil-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv hija mod effiċjenti kif jiġu trattati sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa, b'effetti pożittivi potenzjali fuq it-tul tal-proċedimenti u fuq l-ispejjeż għall-partijiet u s-sistemi ġudizzjarji.

Minn fost id-19-il Stat Membru li għandhom skemi ta' għajnuna kumpensatorji, 11 introduċew dispożizzjonijiet speċifiċi dwar mekkaniżmi straġudizzjarji kollettivi għas-soluzzjoni tat-tilwim

[42] Paragrafi 25 sa 28 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[43] ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3.

[44] Il-Premessa 27 tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE tikkjarifika li d-Direttiva ma tirregolax l-ADR kollettiva fil-qasam tal-konsumatur iżda hija mingħajr ħsara għall-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu tali proċeduri ta' ADR.

(BE, BG, DK, FR, DE, IT, LT, NL, PL, PT, r-Renju Unit). Din il-lista tinkludi t-tliet Stati Membri li adottaw leġiżlazzjoni ġdida wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni (BE, FR u LT) kif ukoll ir-Renju Unit li introduċa dispożizzjoni speċifika dwar is-soluzzjoni ekstraġudizzjarja għat-tilwim fil-mekkaniżmu ta' kompetizzjoni. Fil-proposta leġiżlattiva tagħha, SI fil-biċċa l-kbira segwiet ir-Rakkomandazzjoni. It-8 Stati Membri li jifdal, li għandhom skemi ta' rimedju kollettivi, japplikaw dispożizzjonijiet ġenerali fuq soluzzjoni ekstraġudizzjarja għat-tilwim għal tali sitwazzjonijiet, pereżempju kif implimentat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skont id-Direttiva 2008/52/KE.

Filwaqt li d-disponibbiltà tal-iskemi ADR taħt il-liġi nazzjonali hija pożittiva per se, id-dispożizzjonijiet imfassla għal azzjonijiet kollettivi għandhom iqisu aħjar ċerti dettalji preċiżi ta' tali azzjonijiet kollettivi. Pereżempju, ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi li l-użu tas-soluzzjoni ekstraġudizzjarja għat-tilwim kollettiva għandha tiddependi fuq il-kunsens espliċitu tal-partijiet involuti filwaqt li fir-rigward ta' talbiet individwali tista' tkun obbligatorja[45]. Barra minn hekk, element importanti biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-partijiet involuti jiġu protetti huwa l-kontroll sussegwenti ta' soluzzjonijiet mill-qrati.

Is-sejħa għall-evidenza żvelat xejra importanti fir-rigward tas-soluzzjoni kollettiva ekstraġudizzjarja għat-tilwim, jiġifieri l-konklużjoni ta' każijiet b'mod kunsenswali permezz ta' negozjar, mingħajr l-involviment ta' parti terza[46].

Għalhekk jista' jiġi konkluż li, filwaqt li l-Istati Membri kollha li reċentement bidlu, introduċew jew se jintroduċu leġiżlazzjoni ġdida, il-biċċa l-kbira tagħhom segwew ir-Rakkomandazzjoni, l-aċċess għall-iskemi ta' soluzzjoni ekstraġudizzjarja kollettiva aġġustati għall-kuntest speċifiku ta' rimedju kollettiv ma jingħatax f'numru sinifikanti ta' Stati Membri.

### 2.3.3 Tariffi tal-avukati

Ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi li r-remunerazzjoni u l-metodu ta' kalkolazzjoni tal-avukati ma għandhomx joħolqu inċentivi mhux meħtieġa ta' litigazzjoni li ma tkunx fl-interess ta' xi waħda mill-partijiet. B'mod partikolari, il-ħlasijiet ta' kontinġenza, li jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' tali inċentivi, għandhom jiġu pprojbiti; fejn dawn jiġu permessi b'mod eċċezzjonali għandhom jiġu regolati b'mod xieraq f'każijiet ta' rimedju kollettiv filwaqt li jitqies id-dritt għall-kumpens sħiħ tal-membri tal-parti rikorrenti[47].

[45] Il-Punt 26 tar-Rakkomandazzjoni b'kuntrast mal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2013/11/UE li jistipula li din id-Direttiva hija mingħajr ħsara li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħmel il-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-ADR obbligatorja, dejjem jekk il-leġiżlazzjoni ma timpedixxix lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistema ġudizzjarja.

[46] Pereżempju diversi risposti jsemmgħu l-esperjenza ta' NL fil-leġiżlazzjoni dwar is-soluzzjonijiet kollettivi eżaminati mill-qrati (WCAM), fejn in-negozjati ta' soluzzjoni diretta u l-proċedimenti tal-qorti huma pendenti b'mod parallel. Risposta minnhom issemmi li mill-għaxar każijiet ta' rimedju kollettiv tal-konsumatur imressqa f'FR mill-introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni f'Ottubru 2014, tnejn ġew riżolti (bil-validazzjoni sussegwenti ta' qorti). Esperjenza simili ssemmiet f'SE, FI u BE, fejn qorti vvalidat ftehim li ntlaħaq qbil dwaru reċentement f'każ tal-konsumatur relatat mad-drittijiet tal-passiġġieri.

[47] Paragrafi 29 u 30 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

B'mod ġenerali, it-tariffi tal-avukati mhumiex regolati fl-Istati Membri, dejjem skont it-tipi ta' każijiet, bħal b'mod speċifiku għal azzjonijiet ta' rimedju kollettiv.

Hemm 9 Stati Membri (BG, CY, CZ, DE, EL, PL, SI, ES, ir-Renju Unit) li jippermettu xi forma ta' ħlas ta' kontinġenza, bl-ammont li għandu jitħallas lill-avukat ivarja bejn 15 % taħt l-abbozz ta' leġiżlazzjoni ta' SI għal 50 % tal-valur tal-għotja fir-Renju Unit. F'dawn l-Istati Membri kollha, ħlief għar-Renju Unit, jidher li hemm dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-operat ta' tali remunerazzjoni fl-azzjonijiet ta' rimedju kollettiv. Eċċezzjoni notevoli għal din ir-regoli tinsab fl-iskema ta' kompetizzjoni tar-Renju Unit, fejn il-ftehimiet dwar il-ħlas ta' kontinġenza mhumiex disponibbli fi proċedimenti tal-qorti tal-kompetizzjoni ta' esklużjoni fakultattiva. Barra minn hekk, il-proposta leġiżlattiva f'SI tinsisti dwar id-disponibbiltà ta' ħlasijiet ta' kontinġenza f'każijiet ta' rimedju kollettiv.

Ta' min jinnota li mhux kull forma ta' ħlas ta' kontinġenza tista' titqies li tinkoraġġixxi l-litigazzjoni kontra l-interess tal-partijiet involuti. Pereżempju, f'DE il-ħlasijiet ta' kontinġenza huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn il-vittma allegata ma jkollhiex il-mezzi finanzjarji u tista' ssegwi t-talba tagħha biss permezz ta' arranġament ta' ħlas ta' kontinġenza. Fl-istess ħin, ħlas ta' kontinġenza li jlaħħaq il-50 % tal-għotja bħal fir-Renju Unit jew sat-33 % f'ES jidher aktar possibbli li jinċentivizza l-litigazzjoni mhux meħtieġa.

Stati Membri oħra jippermettu tariffi fuq il-prestazzjoni, jew fil-forma ta' ħlas għal eżitu pożittiv, jew b'kuntrast għal dan, fil-forma ta' tnaqqis fir-remunerazzjoni f'każ li ċerti għanijiet ma jintlaħqux (AT, BE, FR, IT, LT, LU, PL, SE). Id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ tipi ta' remunerazzjoni hija li fil-każ tat-tariffi fuq il-prestazzjoni, l-avukat jiġi mħallas anke jekk jitlef il-każ iżda jekk jirbaħ jitħallas aktar, billi jirċievi 'l hekk imsejjaħ ħlas ta' eżitu pożittiv, filwaqt li fil-każ tal-ħlas ta' kontinġenza l-avukat ma jitħallasx sakemm ma jirbaħx il-każ. Filwaqt li t-tariffi fuq il-prestazzjoni mhumiex inċentiv għal litigazzjoni mhux meħtieġa per se u r-Rakkomandazzjoni ma titlobx il-projbizzjoni tagħhom, f'ċerti ċirkostanzi jistgħu jipproduċu effetti simili. Huma jistgħu jinkoraġġixxu talbiet mhux meħtieġa għal ammonti mhux realistiċi b'mod partikolari fejn jiġu kkalkolati bħala perċentwal mill-għotja. Min-naħa l-oħra, jidher li l-probabbiltà li tariffa fuq il-prestazzjoni b'rata fissa toħloq inċentiv għal prattiki ta' litigazzjoni aggressivi hija aktar baxxa.

Fil-qafas tas-sejħa għall-evidenza żewġ konvenuti minn NL u FI rreferew għat-tariffi tal-avukati bħala problematiċi - mhux neċessarjament meta dawn ikunu bbażati fuq ħlas ta' kontinġenza, iżda bħala fattur li jikkontribwixxi għall-ispejjeż għoljin ta' proċedimenti ta' rimedju kollettiv, speċjalment meta jitqiesu flimkien mal-prinċipju ta' min jitlef iħallas. Barra minn hekk, konvenut mir-Renju Unit issottometta l-eżempju ta' każ fejn il-qorti nazzjonali sostniet li t-talba kollettiva, li kienet xprunata minn ditta tal-liġi li kienet qed taħdem fuq ħlas ta' kontinġenza, kienet abbuż tal-proċess. L-istess konvenut enfasizza d-dħul għoli potenzjali għall-avukati jew għall-finanzjaturi ta' parti terza bħala problema b'mod partikolari f'sistemi ta' "esklużjoni fakultattiva", fejn huwa diffiċli li jiġi pprovdut kumpens lil individwi li ġarrbu dannu minħabba l-ispejjeż għoljin involuti sabiex jiġi ddeterminat jekk tali individwi jaqgħux taħt ċerta klassi.

Jista' jiġi konkluż li r-Rakkomandazzjoni kellha impatt limitat ħafna fuq is-sistema tat-tariffi tal-avukati fl-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni ġdida wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni ma introduċewx ħlasijiet ta' kontinġenza ħlief SI li tipprevedi tali tariffi fil-proposta leġiżlattiva pendenti dwar ir-rimedju kollettiv. Is-sistema tat-tariffi tal-avukati tidher li hi integrata fit-tradizzjonijiet tal-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istati Membri u

ma hemm l-ebda evidenza li ġiet ikkontemplata xi bidla għal tali sistema biex jiġi indirizzat it-tħassib speċifiku tal-azzjonijiet ta' rimedju kollettiv.

### 2.3.4 Danni punittivi

Ir-Rakkomandazzjoni ssejjaħ għall-projbizzjoni tad-danni punittivi kif ukoll ta' għotjiet oħra li jaqbżu l-kumpens li kieku kien jinkiseb f'litigazzjoni individwali[48].

Il-kunċett ta' kumpens żejjed minn danni punittivi, b'mod ġenerali huwa aljen għall-maġġoranza tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri. Is-sejħa għall-evidenza ma żvelat l-ebda każ fejn intalbu jew ingħataw danni punittivi f'azzjonijiet ta' rimedju kollettiv. Dan ifisser li ma kienx hemm bżonn li jiġu applikati regoli speċjali f'azzjonijiet ta' rimedju kollettiv.

Tliet Stati Membri biss jammettu xi forma ta' danni punittivi, għalkemm f'forma limitata ħafna. EL pereżempji tapplika xi forma ta' danni simili għad-danni punittivi fil-forma ta' kumpens monetarju għal danni morali f'talbiet tal-konsumatur rappreżentattivi. F'IE l-irkurpu tad-danni punittivi huwa rari b'mod ġenerali[49] u normalment ikun limitat għal raġunijiet ta' politika pubblika. Fl-aħħar nett, fir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) id-danni punittivi huma disponibbli f'ċirkostanzi rari ħafna fejn il-konvenut bilfors kien jaf li kien qed jaġixxi kontra l-liġi u kompla għaddej b'din l-imġiba bl-eċċezzjoni li l-qligħ tiegħu ikun jaqbeż il-kumpens li jista' jingħata lill-vittmi tal-imġiba tiegħu. Madanakollu, id-danni punittivi mhumiex disponibbli fil-mekkaniżmu ta' kompetizzjoni, introdott mid-Direttiva dwar id-Danni tal-Antitrust[50] tal-2014 wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni.

Jista' jiġi konkluż li l-maġġoranza tal-Istati Membri ma jagħtux danni punittivi f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa minħabba l-approċċ ġenerali meħud abbażi ta' prinċipju ta' locus standi fis-sistemi tal-liġi ċivili tal-Istati Membri.

### 2.3.5 Azzjonijiet ta' segwiment

Ir-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-leġiżlazzjoni tagħhom jinkludu regola li abbażi tagħha jekk il-proċedimenti quddiem awtorità pubblika jkunu pendenti, l-azzjoni privata tista' tibda biss wara l-konklużjoni ta' dawn il-proċedimenti. Jekk tali proċedimenti ikunu bdew wara l-azzjoni privata, il-qorti fejn l-azzjoni tal-aħħar tkun pendenti għandha tkun tista' tissospendi l-proċedimenti sabiex tistenna deċiżjoni finali tal-awtorità pubblika. L-iskadenza tal-

[48] Paragrafu 31 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[49] Minħabba n-nuqqas ta' sistema ta' rimedju kollettiv kumpensatorju id-danni punittivi ma kinux rilevanti għal dan il-qasam.

[50] Id-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 349, 5.12.2014, p. 1

perjodi ta' limitazzjoni jew ta' preskrizzjoni qabel ma l-awtorità pubblika tieħu deċiżjoni finali ma għandhiex timpedixxi lill-partijiet milli jfittxu kumpens f'azzjoni privata[51].

Għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali u ċ-ċertezza tad-dritt, l-azzjoni ta' għajnuna kumpensatorja tista' tkun aktar effiċjenti jekk din tiġi introdotta wara t-tlestija tal-proċedura quddiem awtorità pubblika, kemm jekk din tkun qorti kif ukoll jekk tkun korp amministrattiv bħall-awtorità tal-kompetizzjoni. Madankollu, l-istennija għal tali deċiżjoni ma għandhiex iċċaħħad lil rikorrenti potenzjali mid-dritt ta' aċċess tagħhom għall-qorti, perżempju minħabba fl-iskadenza ta' perjodi ta' limitazzjoni jew preskrizzjoni.

Ir-regoli taħt id-dritt vinkolanti tal-Unjoni f'dan ir-rigward jeżistu biss fil-qasam tal-kompetizzjoni. Taħt id-Direttiva dwar id-Danni tal-Antitrust, sejba ta' ksur f'deċiżjoni finali ta' awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali jew minn qorti tal-analiżi titqies bħala stabbilita b'mod mhux konfutabbli fl-azzjonijiet ta' segwiment domestiċi għad-danni u għallinqas l-evidenza prima facie fl-azzjoni ta' segwiment fi Stati Membri oħra. Id-Direttiva tipprevedi wkoll is-sospensjoni tal-perjodi ta' limitazzjoni. Din tapplika għal azzjonijiet kollettivi fejn dawn jeżistu, iżda ma titlobx lill-Istati Membri jintroduċu azzjonijiet kollettivi fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tagħhom.

Fir-rigward tal-liġi tal-konsumatur, id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet ma tirregolax il-kwistjoni tal-azzjonijiet ta' segwiment. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-ordni għall-inġuzjoni biss għandha effett *inter pares* (bejn il-partijiet). Skont l-Istudju dwar il-Kontroll tal-Idoneità, dan joħloq problemi fl-effettività tal-proċedura minħabba li l-konsumaturi individwali li jressqu talbiet għad-danni bbażati fuq ksur li wassal għal inġunzjoni jridu jagħtu prova tal-ksur mill-ġdid. Dan min-naħa tiegħu iżid ir-riskju ta' litigazzjoni tagħhom kif ukoll l-ispejjeż għalihom u għas-sistema tal-qorti b'mod inġenerali. Għalhekk, l-Istudju jindika li għandu jkun possibbli li wieħed jiddependi fuq l-ordnijiet għal inġunzjoni fl-azzjonijiet ta' segwiment għall-kumpens kemm ta' natura individwali u kif ukoll (fejn disponibbli) ta' natura kollettiva u li l-perjodi ta' preskrizzjoni għall-azzjonijiet ta' dannu ta' segwiment għandhom jiġu sospiżi sad-deċiżjoni finali dwar l-inġunzjonijiet.

F'DK, BE u IT huwa possibbli li wieħed jibbaża fuq deċiżjoni dwar l-inġunzjonijiet f'azzjoni kollettiva ta' segwiment f'każijiet tal-liġi tal-konsumatur. F'BG, jistgħu jinbdew azzjonijiet orizzontali kollettivi. F'NL, l-azzjonijiet ta' segwiment huma possibbli mhux bħala kwistjoni tal-liġi iżda pjuttost ta' prattika

Is-sejħa għall-evidenza turi li l-azzjonijiet ta' segwiment jintużaw l-aktar f'każijiet tal-liġi tal-konsumatur, fejn l-azzjonijiet ta' għajnuna kumpensatorja jsegwu deċiżjoni ta' awtorità pubblika dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Każijiet bħal dawn ġew irrapportati minn NL, FI u r-Renju Unit. Każ tal-konsumatur interessanti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji ġie rrapportat minn FI, fejn wara d-deċiżjonijiet amministrattivi u tal-qort dwar ksur, ingħata bidu għal negozjati diretti ta' suċċess bejn l-assoċjazzjoni tal-konsumatur u l-konvenut.

Għaldaqstant, dwar dan il-punt, jista' jiġi konkluż li fil-liġijiet tal-Istati Membri, ir-Rakkomandazzjoni hija implimentata biss b'mod limitat ħafna. Filwaqt li azzjonijiet ta'

[51] Paragrafi 33 u 34 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

segwiment kollettiv huma disponibbli f'numru ta' Stati Membri, ma hemm l-ebda evidenza li[52] l-prinċipji tar-Rakkomandazzjoni ġew segwiti fir-rigward tal-prijorità li għandha tingħata lid-deċiżjoni tal-awtorità pubblika lill-perjodi ta' limitazzjoni. Għalhekk, tali azzjonijiet ta' segwiment jista' jkollhom impatt fuq id-dritt tal-aċċess tal-qrati tar-rikorrenti minħabba l-fatt li l-ebda regola ma ġiet stabbilita dwar il-perjodu ta' limitazzjoni jew ta' preskrizzjoni, b'kuntrast għal dak li hu implikat fir-Rakkomandazzjoni.

### 2.3.6 Reġistru ta' azzjonijiet kollettivi

| |
|---|
| Ir-Rakkomandazzjoni tistieden l-istabbiliment ta' reġistri nazzjonali ta' azzjonijiet ta' rimedju kollettiv, filwaqt li xxerred ukoll l-informazzjoni dwar il-metodi disponibbli għall-ksib ta' kumpens, inklużi metodi straġudizzjarji. Il-koerenza bejn l-informazzjoni miġbura f'reġistri nazzjonali differenti u l-interoperabbiltà tagħhom għandha tiġi żgurata wkoll[53]. |

Dan il-prinċipju ġie introdott fir-Rakkomandazzjoni b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-prinċipju ta' "inklużjoni fakultattiva" jista jiġi implimentat biss meta jkun hemm informazzjoni disponibbli dwar litigazzjoni pendenti u b'hekk il-partijiet jistgħu jiddeċiedu jekk jissiħbux fil-litigazzjoni pendenti jew le. Dan il-bżonn saħanistra jinħass aktar f'sitwazzjonijiet transfruntieri fejn il-metodi nazzjonali tat-tixrid ta' informazzjoni mhux dejjem jiġu indirizzati lil pubbliku barrani.

B'mod ġenerali, dan il-prinċipju ma jiġix segwit fl-iskemi ta' rimedju kollettiv tal-Istati Membri. Ir-Renju Unit biss għandu reġistru nazzjonali għall-ordnijiet ta' litigazzjoni ta' grupp u ieħor għal azzjonijiet ta' kompetizzjoni. SI beħsiebha tintroduċi reġistru bħal dan fil-leġiżlazzjoni l-ġdida tagħha dwar ir-rimedju kollettiv. Għalhekk jista' jiġi konkluż, dwar dan il-punt, li r-Rakkomandazzjoni ma kellha l-ebda impatt fuq il-liġijiet tal-Istati Membri.

## 3 IL-KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS

Kif espress fir-Rakkomandazzjoni, mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ibbilanċjati u mfassla kif xieraq jikkontribwixxu għall-protezzjoni u l-infurzar effettivi tad-drittijiet mogħtija taħt id-dritt tal-Unjoni, minħabba li r-rimedji "tradizzjonali" mhumiex effiċjenti biżżejjed fis-sitwazzjonijiet kollha.

Mingħajr sistema ta' rimedju kollettiv ċara, ġusta, trasparenti u aċċessibbli, hemm probabbiltà sinifikanti li jiġu esplorati modi oħra ta' kif jintalab kumpens, u li spiss iwasslu għal abbuż potenzjali li jaffettwa b'mod negattiv liż-żewġ partijiet tat-tilwim.

F'ħafna istanzi, persuni affettwati li ma jkunux kapaċi jingħaqdu flimkien sabiex ifittxu rimedju kollettiv jabbandunaw it-talbiet ġustifikati tagħhom għalkollox, minħabba l-piż eċċessiv tal-proċedimenti individwali.

---

[52] Lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/104/UE billi l-Istati Membri jippermettu segwiment kolletiv fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni.

[53] Paragrafi 35 sa 37 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

Ir-Rakkomandazzjoni ħolqot punt ta' riferiment li jinkludi l-prinċipji ta' mudell Ewropew ta' rimedju kollettiv. Dan seħħ f'sitwazzjoni fejn ħafna mill-elementi tiegħu kienu preżenti fis-sistemi legali ta' parti kbira mill-Istati Membri filwaqt li fi grupp ieħor ta' Stati Membri, din id-darba iżgħar, il-kunċett proprju ta' rimedju kollettiv ma kienx magħruf. Għalhekk l-impatt tar-Rakkomandazzjoni għandu jidher u jitqies f'żewġ dimensjonijiet: L-ewwel bħala punt ta' referenza f'diskussjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja u l-prevenzjoni tal-litigazzjoni abbużiva, u t-tieni bħala inċentiv konkret għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni konformi ma' dawn il-prinċipji fl-Istati Membri.

Fir-rigward tal-ewwel dimensjoni, ir-Rakkomandazzjoni tat kontribut siewi fis-sens li ispirat id-diskussjonijiet madwar l-UE kollha. Hija tipprovdi wkoll bażi għal aktar riflessjoni dwar kif ċerti prinċipji bħal dawk li jikkonċernaw il-kostituzzjoni tal-parti rikorrenti jew il-finanzjament tal-litigazzjoni jistgħu jiġu implimentati bl-aħjar mod biex jiġi ggarantit il-bilanċ globali bejn l-aċċess għal-ġustizzja u l-prevenzjoni tal-abbużi.

Safejn hija kkonċernata t-tranżizzjoni fil-leġiżlazzjoni, l-analiżi tal-iżviluppi leġiżlattivi fl-Istati Membri kif ukoll l-evidenza pprovduta juru li kien hemm segwitu pjuttost limitat għar-Rakkomandazzjoni. Id-disponibbiltà tal-mekkaniżmi ta' rimedju kif ukoll l-implimentazzjoni tas-salvagwardji kontra l-abbuż potenzjali ta' tali mekkaniżmi xorta waħda għadhom distribwiti b'mod irregolari madwar l-UE kollha. L-impatt tar-Rakkomandazzjoni jidher fiż-żewġ Stati Membri fejn ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida wara l-adozzjoni tagħha (BE u LT) kif ukoll f'SI fejn leġiżlazzjoni ġdida hija pendenti, u sa ċertu punt fl-Istati Membri li bidlu l-leġiżlazzjoni tagħhom wara l-2013 (FR u r-Renju Unit).

Dan is-segwitu limitat ifisser li l-potenzjal tal-prinċipji tar-Rakkomandazzjoni fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja għall-benefiċċju tal-funzjonament tas-suq uniku għadu mhux qed jiġi sfruttat għal kollox. Hemm 9 Stati Membri li xorta għadhom ma jipprevedux xi possibbiltà għal talba għall-kumpens kollettiva f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa kif definit mir-Rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri li formalment jipprevedu tali possibbiltà, fil-prattika l-persuni affettwati ma jagħmlux użu minnha minħabba l-kundizzjonijiet stretti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, it-tul żejjed tal-proċeduri jew l-ispejjeż eċċessivi osservati fir-rigward tal-benefiċċji mistennija ta' tali azzjonijiet. Is-sejħa għall-evidenza uriet ukoll li f'ċerti każijiet, l-azzjoni ġudizzjarja kollettiva tista' tiġi evitata b'mod effettiv minħabba f'soluzzjonijiet straġudizzjarji li jirnexxu, xi drabi bħala segwiment għal azzjoni amministrattiva. Dan jenfasizza l-importanza ta' mekkaniżmi straġudizzjarji effettivi għas-soluzzjoni ta' tilwim f'konformità mar-Rakkomandazzjoni.

Filwaqt li r-Rakkomandazzjoni għandha dimensjoni orizzonali meta wieħed iqis l-oqsma differenti fejn jista' jseħħ dannu tal-massa, il-każijiet konkreti rrapportati, inkluż il-każ dwar l-emissjonijiet tal-karozzi, juru biċ-ċar li l-oqsma tal-liġi tal-UE rilevanti għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi huma dawk fejn ir-rimedju kollettiv huwa l-aktar disponibbli, fejn l-aktar li jitressqu l-azzjonijiet u fejn l-assenza ta' rimedji kollettivi hija tal-akbar rilevanza prattika. Huwa f'dawn l-istess oqsma li jeżistu regoli vinkolanti tal-UE dwar id-dimensjoni inġuntiva tar-rimedju kollettiv u urew kemm huma ta' valur. Id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet tirregola l-azzjoni rappreżentattiva mibdija minn entitajiet kwalifikati b'mod partikolari fil-forma ta' organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jew awtoritajiet pubbliċi li fir-rigward tagħhom it-tħassib dwar il-litigazzjoni abbużiva xprunata minn interessi tal-profitt ta' finanzjaturi ta' parti terzi jidher bla bażi.

Dan ix-xenarju huwa kkonfermat mir-riżultati tas-sejħa għall-evidenza. Filwaqt li l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur jiffavorixxu l-intervent madwar l-Ewropa kollha f'dan il-qasam, l-organizzazzjonijiet tan-negozju b'mod ġenerali jiffukaw it-tħassib tagħhom fir-rigward tal-azzjoni tal-UE dwar il-qasam tal-konsumatur u jirreferu għal tħassib ta' proporzjonalità jew sussidjarjetà, u jħeġġu lill-Kummissjoni biex tikkonċentra fuq l-infurzar pubbliku jew fuq rimedju permezz ta' ADR/ODR jew il-Proċedura għal Talbiet Żgħar.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni beħsiebha

- tippromwovi aktar il-prinċipji stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-2013 fl-oqsma kollha, kemm f'termini ta' disponibbiltà ta' azzjonijiet ta' rimedju kollettiv fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u b'hekk billi ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, u f'termini tal-provvediment tas-salvagwardji meħtieġa kontra l-litigazzjoni abbużiva;
- li twettaq analiżi ulterjuri għal ċerti aspetti tar-Rakkomandazzjoni li huma importanti għall-prevenzjoni tal-abbużi u li tiżgura l-użu sigur tal-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv, bħal fir-rigward tal-finanzjament tal-azzjonijiet kollettivi, sabiex tingħata stampa aħjar tad-disinn u l-implimentazzjoni prattika;
- li ssegwi din il-valutazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2013 fil-qafas tal-inizjattiva li ġejja dwar "Pjan ta' Azzjoni Ġdid għall-Konsumaturi", kif ġie mħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018[54],,b'enfasi partikolari dwar it-tisħiħ tal-aspetti ta' rimedju u infurzar tad-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet.

[54] COM(2017)650 final